TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 9/11

**Christine Cassar Torregiani**

**vs**

**Jean Paul Bajada**

Illum 30 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300), rappreżentanti prezz ta' *liquid membrane* li ġie mqiegħed fuq il-bejt u wara ftit jiem, dan beda jitqaxxar.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet qabdet lill-intimat sabiex jagħmel xogħol ta' *liquid membrane* u wara ftit jiem dana l-*membrane* beda jinqala'. Bħala prova wkoll ġabet lil Perit Nicholas Samut-Tagliaferro sabiex jiċċertifika dak li kienet qiegħda tgħid u fil-fatt esebixxa xi ritratti wkoll.

L-intimat da parte tiegħu ssottometta illi x-xogħol sar skond is-sengħa u l-arti u li ma kellux x'jaqsam ma dawn il-problemi.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li ra r-rapport tal-Perit, u eżamina r-ritratti u sema' lill-partijiet, jikkonkludi illi l-intimat m'għandux raġun u fil-fatt ix-xogħol sar ħażin.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE. (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888